MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2012

Citazzjoni Numru. 676/2005

**Agius Printing Press Limited**
**(C – 883)**

**vs**

**Beverley Sciberras**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni attrici datata l-20 ta’ Lulju, 2005, li permezz taghha s-socjeta` attrici fuq indikata ppremettiet sintetikament is-segwenti:

1. Illi l-konvenuta Sciberras fuq indikata hija debitrici tas-socjeta` attrici fl-ammont ta’ sitt elef, erba’ mija u disgha u tletin Lira Maltin u dsatax –il centezmu, (LM6,439.19);

2. Illi dan hu ammont minnha dovut minn somma akbar dovuta ghal prezz ta’ xoghol stampat, mibjugh u kkonsenjat lill-konvenuta Sciberras;

3. Illi nonostante li l-istess konvenuta kienet debitament interpellata biex thallas l-ammont fuq indikat, baqghet inadempjenti;

Illi konsegwenza tal-istess, is-socjeta` attrici irrikorriet lil din il-Qorti biex in vista tal-istess, il-konvenuta Sciberras tkun:

1. Ikkundannata thallas lis-socjeta` attrici fuq indikata s-somma ta’ sitt elef, erba’ mija, disgha u tletin Lira Maltin u dsatax –il centezamu, (LM6,439.19), bilanc minn somma akbar;

2. Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra nterpellatorja ndikata fl-istess citazzjoni promotrici u bl-imghax legali mit-28 ta’ Marzu, 2005;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta Sciberras datata t-2 ta’ Mejju, 2006, li permezz taghha sintetikament eccepiet is-segwenti:

1. Illi l-konvenuta Sciberras mhix il-legittimu kontradittur stante li ma tezisti l-ebda relazzjoni guridika bejn is-socjeta` attrici u l-istess konvenuta fil-kwalita` personali taghha;

2. Illi l-konvenuta dejjem agixxiet fil-kwalita` taghha ta’ debitrici ghan-nom u in rapprezentanza tal-Fondazzjoni P.G. 1st Foundation, debitament registrata skont l-istatut relattiv;

3. Illi allura ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

4. Illi in oltre, il-prezz mitlub mis-socjeta` attrici hu wiehed ezagerat u eccessiv u ma jirrispekkjax il-‘quotation’ relattiva li fuqha saret l-ordni in dizamina;

Rat il-verbal ta’ din il-Qorti diversament preseduta datat il-11 ta’ Mejju, 2006, li permezz tieghu ordnat li in vista tas-sudetti eccezzjonijiet jigu nvertiti l-provi;

Rat il-verbal datat l-10 ta’ Mejju, 2011, li permezz tieghu il-partijiet iddikjaraw li m’gahndhom l-ebda provi ohra xi jressqu f’din il-procedura;

Rat ukoll l-istess verbal fejn gie ordnat li s-socjeta` attrici jkollha sal-31 ta’ Lulju, 2011, sabiex tipprezenta n-nota ta’ sottomissjonijiet taghha bil-visto tal-kontro-parti li minn naha taghha gie koncess lilha sal-31 t’Ottubru, 2011 sabiex tipprezenta r-risposta taghha u li konsegwentement il-kawza thalliet ghat-trattazzjoni finali orali ghad-data ndikata fl-istess verbal, (ara fol 199);

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tas-socjeta` attrici datata l-25 t’Awwissu, 2011;

Rat in-nota responsiva tal-konvenuta datata l-4 ta’ Novembru, 2011;

Rat il-verbal tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet datat l-10 ta’ Jannar, 2012, li permezz tieghu infurmaw lill-Qorti li l-kawza hi issa matura ghas-sentenza;

Ezaminat ix-xhieda in atti u dik mismugha mill-istess Qorti diversament preseduta;

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi l-verzjoni tas-socjeta` attrici tista’ tigi sintetikament esposta bil-mod segwenti:

1. Illi l-ammont pretiz mis-socjeta` attrici hu pretiz mill-konvenuta bhala bilanc minn somma akbar ghal xoghol ta’ stampar, mibjugha u kkonsenjat minnha lill-konvenuta a bazi tad-dokumenti mmarkati Dok. AP 1 – AP

4, bl-imghaxijiet dovuti mid-data tal-konsenja, (it-28 ta' Marzu, 2005);

2. Illi kienet l-istess konvenuta Sciberras li kienet inkarigat lis-socjeta` attrici bix-xoghlijiet in dizamina;

3. Illi l-konvenuta qatt ma ndikat lis-socjeta` attrici li hi kienet qed tagixxi ghan-nom u in rapprezentanza tal-fondazzjoni minnha riferita fl-eccezzjonijiet taghha;

4. Illi in effetti s-socjeta` attrici qatt ma kellha xi kuntatt mal-fondazzjoni de quo;

5. Illi di piu`, ix-xoghol kontrattat dejjem kien jigi kkonsenjat fl-abitazzjoni tal-konvenuta salv f'eccezzjoni wahda;

6. Illi jirrizulta wkoll li l-pagamenti akkont li saru lis-socjeta` attrici ghax-xoghol in dizamina kienu jsiru mill-konvenuta personalment fi flus kontanti u dan, minghajr l-ebda referenza ghall-allegata fondazzjoni;

7. Illi l-konvenuta ma ressqet l-ebda prova li kienet b'xi mod inkarigata tagixxi f'dan ir-rigward mill-fondazzjoni de quo;

8. Illi jirrizulta lis-socjeta` attrici, li l-fondazzjoni de quo kienet giet imwaqqfa biss wara li nghatat l-istima mis-socjeta` attrici;

9. Illi in effetti jirrizulta li l-istima in dizamina nharget fit-12 t'Ottubru, 2004, filwaqt li l-fondazzjoni in dizamina giet kostitwita fl-24 ta' Novembru, 2004;

10. Illi in vista tal-premess, il-konvenuta hi responsabbli ghall-hlas reklamat mis-socjeta` attrici u konsegwentement l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuta huma ghal kollox infondati;

Ikkunsidrat:

Illi l-verzjoni tal-konvenuta Sciberras tista' tigi sintetikament esposta bil-mod segwenti:

1. Illi fir-relazzjoni guridika in dizamina naxxenti bejn il-kontendenti, l-konvenuta qatt m'agixxiet jew setghet tagixxi personalment;
2. Illi dan hu konsolidat stante li s-socjeta` attrici kienet ben infurmata li l-lotterija in kwistjoni ma kinitx organizzata mill-konvenuta izda minn entita` separata u distinta minnha;

3. Illi di piu`, l-konvenuta ordnat ix-xoghol meritu ta' din il-procedura bhala rapprezentant ghan-nom u fl-interess tal-istess entita`;

Ikkunsidrat:

Illi minn ezami tal-affidavit tal-konvenuta Sciberras jirrizulta ampjament assodat li t-trattattivi minnha kondotti biex tikkonkludi kuntratt tax-xoghlijiet mas-socjeta` attrici, kienu qed isiru minnha izda ghan-nom tal-fondazzjoni minnha rapprezentata, (ara fol 55);

Illi di piu`, jirrizulta wkoll assodat li tul in-negozjati mas-socjeta` attrici, il-konvenuta kienet tkun akkompanjata minn membri ohra tal-fondazzjoni;

Illi del resto, anke mill-fatturi a fol 6-18 ipprezentati bhala dokumenti annessi mac-citazzjoni promotrici mill-istess socjeta` attrici, dawn jindikaw bl-aktar mod car u inekwivoku li nhargu mis-socjeta` attrici lill-fondazzjoni u mhux lill-konvenuta personalment;

Illi in oltre, fl-istess biljetti tal-lotterija maghmula mis-socjeta` attrici, huwa biss isem il-fondazzjoni in dizamina li jidher stampat fuq iz-zewg nahat tal-istess biljett u mhux dak tal-konvenuta li ma jidher imkien;

Ikkunsidrat:

Illi ghaldaqstant din il-Qorti hija sodisfatta li l-konvenuta ppruvat l-ewwel eccezzjoni minnha sollevata u konsegwentement, stante li gie abbundantement assodat li n-negozju in dizamina sehh biss bejn is-socjeta` attrici u l-konvenuta Sciberras **ghan-nom u in rapprezentanza tal-fondazzjoni fuq riferita**, takkolji l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta u konsegwentement:

1. Tiddikjara li l-istess konvenuta Beverley Sciberras mhix il-legittimu kontradittur f'din il-procedura stante li ma tezisti l-ebda relazzjoni guridika bejn il-kontendenti kif fuq indikat u konsegwentement:

2. Tillibera lill-konvenuta Beverley Sciberras mill-osservanza tal-gudizzju;

3. Bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici Agius Printing Press Limited.

_________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------